**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Mejju, 2018**

**Talba Nru: 135/2017 PM1**

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Carol Baldacchino, u l-istess Carol Baldacchino (K.I. 13654(M))**

**Vs**

1. **Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali H'Attard**
2. **Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta' Marzu, 2017 illi permezz tieghu ir-rikorrenti, filwaqt li premettew li nhar id-19 ta' Marzu, 2014 sehh incident fi

Triq il-Pitkali, H'Attard illi bhala konsegwenza tieghu il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni SMB871 proprjeta` tal-attur Carol Baldacchino soffriet hsarat wara illi saqet fuq hofra mdaqqsa illi kien hemm fit-triq u li dan l-incident sehh bhala konsegwenza tan-nuqqas da parti tal-konvenuti jew min minnhom illi jzommu l-imsemmija triq fi stat xieraq ta' manutenzjoni, talbu illi, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, il-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' tmien mija u erbgha u tmenin euro u disgha u tmenin centezmu (€884.89) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' hamsa u hamsin euro (€55) l-*excess payment* illi l-attur Carol Baldacchino hallas in konnessjoni ma' dan l-incident, u in kwantu ghas-somma ta' tmien mija u disgha u ghoxrin Euro u disgha u tmenin centezmi (€829.89), id-danni kollha sofferti bhala rizultat ta' dan l-incident illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici GasanMamo Insurance Limited noe abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive*, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 29 ta' Frar, 2016 u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali tad-29 ta' Frar, 2016 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta illi, preliminarjament l-Awtorita` intimata m'hijiex il-legittima kontradittrici stante t-triq fejn sehh l-allegat incident ma taqax taht il-kompetenza tal-Awtorita` esponenti; illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita` esponenti tirrispingi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet migjuba kontra taghha bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt; illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq ir-rikorrenti li jaghmlu prova tad-danni allegati u konsegwentement, id-danni reklamati qed jigu kontestati, salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-risposta tas-Sindku u Segretarju Ezekuttiv ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Attard li eccepixxa li l-Kunsill Lokali ta' H'Attard ghandu jigi osservat mill-osservanza tal-gudizzju stante li t-triq fejn sehh l-allegat incident fi Triq Pitkali H'Attard ma jaqax taht ir-responsabilita` tieghu u dana a tenur tal-Kap. 363 tal-Ligijiet ta' Malta fejn fir-Raba' Skeda, toroq arterjali huma eskluzi mir-responsabilita` tal-Kunsill Lokali; illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti jridu

jressqu prova cara tal-kawzali tad-danni allegatament sofferti minnhom u tad-danni nfushom, salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda tal-PC672 Paul Bugeja (fol. 12 tal-process) u tal-attur Carol Baldacchino (fol. 96 tal-process) moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju, 2017 u d-dokumenti ezebiti waqt l-istess seduta senjatament ir-rapport tal-Pulizija (Dok. PC1 a fol. 14 et. se.  tal-process), ritratt tal-hofra mertu tal-kawza odjerna (Dok. CB1 a fol. 17 tal-process) u l-*aerial photo* (Dok. CB2 a fol. 18 tal-process).

Ra n-nota tas-socjeta` attrici bl-affidavit ta' Malcolm Aquilina bid-dokumenti annessi (a fol. 19 et. seq. tal-process).

Sema' x-xhieda ta' Kumar Bonello u Nicholas Baldachino moghtija waqt is-seduta tal-20 ta' Gunju, 2017 flimkien mad-dokumenti ezebiti waqt l-istess seduta senjatament *site plan* li juri l-'Local Council Boundary' (Dok.NB1 a fol. 53 tal-process), dokument li jelenka t-toroq mantnuti mill-Awtorita` intimata (Dok. NB2 a fol. 54 et. seq. tal-process).

Sema' x-xhieda ta' Marika Mifsud moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Lulju, 2017 (a fol. 63 tal-process) u d-dokumenti ezebiti minnha ossija l-pjanta (Dok. MM1 a fol. 66 tal-process) u email datata 29 ta' Mejju, 2017 koncernanti l-konfini tal-lokalitajiet (Dok. MM2 a fol. 67 tal-process).

Sema' x-xhieda ta' Nicholas Baldacchino moghtija waqt is-seduta tal-4 ta' Dicembru, 2017.

Sema' x-xhieda moghtija minn Adrian Mifsud moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar, 2018 u d-dokumenti ezebiti minnu ossija estratt mill-Kap. 363 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok. AM1 a fol. 85 et. seq. tal-process).

Sema' x-xhieda ta' Malcolm Aquilina u Kumar Bonello moghtija in kontro-ezami waqt is-seduta tal-15 ta' Frar, 2018 (fol. 91 et. seq tal-process).

Sema' x-xhieda ta' Malcolm Aquilina wkoll in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Marzu, 2018 (fol. 101 tal-process).

Sema' x-xhieda ta' Marika Mifsud prodotta in kontro-ezami fid-9 t'April, 2018 (fol. 105 tal-process) u ra d-dokumenti ezebiti minna waqt l-istess seduta.

Sema' x-xhieda ta' Nicholas Baldacchino moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju, 2018 u ra d-dokument ezebit minnu waqt l-istess seduta.

Sema' s-sottomissjonijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tal-provi ulterjuri kollha imressqa u wkoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra:**

Illi huwa car li l-pern tal-kwistjoni li ghandu quddiemu t-Tribunal huwa proprju liema hija l-entita`responsabbli ghall-manutenzjoni dik il-parti ta' Triq il-Pitkali illi fiha sehh l-incident *de quo* u cioe` dik il-parti tat-triq indikata b'cirku mill-attur Carol Baldacchino fuq l-*aerial photo* (Dok. CB2 a fol. 18 tal-process).

Illi f'dan ir-rigward tressqu diversi provi min-naha tal-partijiet kollha. Madanakollu huwa car li, lilhinn minn dak li parti jew ohra tista' tahseb dwar ir-responsabilita' taghha jew ta' haddiehor fir-rigward ta' tali triq, dak li effettivment jghodd huwa dak li jinsab espressament provdut mil-ligi stess.

Illi f'tali rigward xehed estensivament l-attur Carol Baldacchino li indika il-punt illi fih sehh l-incident kawzat minn hofra fit-triq. F'dan ir-rigward ir-ritratt immarkat Dok. CB1 (a fol. 17 tal-process) jindika bl-aktar mod car l-kundizzjoni hazina ta' dik il-parti tat-triq illi fiha sehh l-incident. L-istess xhud jiddeskrivi kif, waqt li kien qed isuq fi Triq Pitkali, wara li sema' zewg hsejjes qawwija gejjin mill-vettura tieghu "*jiena hrigt fix-xita biex nara x'kien gara u minn hemmhekk skoprejt li hemm hofra fit-triq u bhala konsegwenza ta' din il-hofra jiena kont sofrejt dawn il-hsarat. Nghid illi bl-ilma din il-hofra ma dehritx*

*tant li din il-hofra kienet floodjata u jien indunajt biha pero` x'hin hrigt mill-karozza.*" Din il-verzjoni tinsab korroborata, oltre milli mir-ritratt imsemmi, mill-verzjoni moghtija mill-istess xhud 'a tempo vergine' u inkluza fir-rapport tal-Pulizija (fol. 16 tal-process). Ma tressqet ebda prova waqt il-proceduri li tista' b'xi mod tindika xi nuqqas da parti tas-sewwieq Baldacchino fis-sewqan tieghu jew li tista' b'xi mod tindika li l-sewwieq jista' altrimenti jew b'xi mod jahti ghall-hsara sofferta minnu. L-istess xhud Baldacchino jispjega li huwa kien qed isuq bil-mod u l-provi prodotti huma kollha univoci filli jindikaw li l-incident sehh proprju bhala konsegwenza tal-istat hazin illi fih kienet tinsab it-triq. Perdipiu` l-incident sehh meta x-xita kienet tghatti proprju il-hofra li kien hemm fit-triq b'tali mod illi, skont l-istess xhud Baldacchino din ma kenitx vizibbli ghalih jekk mhux wara li hareg mill-karozza fix-xita sabiex jara x'kien gara.

Illi tenut kont tas-surreferit, kif inghad hawn fuq, lilhinn mill-hsieb tal-partijiet, ir-responsabilita' ghall-kundizzjoni tat-triq hija biss dik illi tirrizulta inekwivokabilment mil-ligi.

Illi f'tali rigward, mill-assjem tal-provi prodotti, it-Tribunal jista' kjarament jaghmel is-segwenti kostatazzjonijiet:

A. L-Awtorita` intimata tikkontendi li r-responsabilita' taghha hija limitata ghal toroq arterjali u distributorji filwaqt li l-Kunsill Lokali intimat, ghalkemm fir-risposta tieghu jikkontendi li huwa m'huwiex responsabbli ghall-incident in vista tal-ligi li tipprovdi li "*toroq arterjali huma eskluzi mir-responsabilta` tal-Kunsill Lokali*" (tergo fol. 7 tal-process), matul ix-xhieda ta' Marika Mifsud moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Lulju, 2017 (fol. 63 et. seq. tal-process), irrizulta li l-posizzjoni tal-Kunsill Lokali intimat kienet dik li huwa ma kienx responsabbli ghall-incident ghaliex dan sehh f'zona oltre l-konfini ta' H'Attard u li ghaliha huwa responsabbli l-Gvern Lokali.

B. F’tali rigward allura jehtieg illi qabelxejn jigi determinat jekk il-Kunsill Lokali huwiex korrett fl-argumentazzjoni tieghu li l-incident sehh f’zona li taqa’ lilhinn mill-kompetenza tieghu skont il-ligi. F’dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza kemm ghad-dokument CB2 (fol. 18 tal-process) li jindika (permezz ta’ cirku) proprju fejn sehh l-incident u ghad-dokumenti MM1 u MM2 (fol. 66 u 67 tal-process) li jindikaw il-konfini tal-lokalita` ta’ H’Attard. Ix-xhud Marika Mifsud in rapprezentenza tal-Kunsill Lokali intimat tikkontendi li minn dan l-ahhar dokument jirrizulta li Triq il-Pitkali f’dik il-parti li tghaddi quddiem il-Pitkalija (immarkata bl-ittra ‘X’ mix-xhud Marika Mifsud) u fejn kwindi sehh l-incident ma taqax fil-kompetenza tal-Kunsill Lokali intimat u dana ghaliex tinsab imberfla bil-kulur isfar (u mhux bil-kulur roza). F’dan ir-rigward hija tirreferi wkoll ghad-dokument NB1 (fol. 53 tal-process) ezebit minn Nicholas Baldacchino in rapprezentenza tal-Awtorita` intimata u tikkontendi li skont tali dokument l-incident sehh f’zona li tmur oltre l-konfini tal-lokalita` ta’ H’Attard.

C. Illi meta wiehed iqabbel it-tlett dokumenti surreferiti, ossija Dok. CB2 ezebit mill-attur Carol Baldacchino (li jindika il-parti tat-Triq il-Pitkali fejn kien hemm il-hofra) u d-dokumenti NB1 u MM1 (li jindikaw kjarament il-limiti tal-konfini tal-lokalita` ta’ H’Attard), jirrizulta bl-aktar mod car li l-incident sehh f’dik il-parti ta’ Triq il-Pitkali li tmur oltre l-konfini tal-lokalita` ta’ H’Attard u dana kemm skont id-Dokument NB1 u kif ukoll skont id-dokument MM1. F’dan ir-rigward it-Tribunal jinnota li Dok. NB1 effettivament jifforma parti mill-Tieni Skeda tal-**Kap. 363 tal-Ligijiet ta’ Malta** li tiddetermina proprju l-konfini tal-lokalitajiet rispettivi ai fini u effetti tal-ligi u kif jinsab definit taht l-art. 2 tal-istess **Kap. 363 tal-Ligijiet ta’ Malta**. Huwa car allura li l-obbligu tal-Kunsill Lokali ta’ H’Attard li, a tenur tal-art. 33 tal-**Kap. 363 tal-Ligijiet ta’ Malta**, “*jipprovdi biex tinżamm fi stat tajjeb u għall-manutenzjoni ta’, jew titjib fi, kull triq jew mogħdija”*, bil-kontra ta’ dak li xehed Adrian Mifsud waqt is-seduta tas-17 ta’ Jannar, 2018, ma japplikax fil-konfront ta’ dik il-parti ta’ Triq il-Pitkali li fiha sehh l-incident *de quo*

proprju ghaliex dik il-parti kjarament ma taqax entro l-konfini tal-istess lokalita`. F'dan ir-rigward jidher li hemm qbil bejn ix-xhieda moghtija f'dan is-sens minn Marika Mifsud u Nicholas Baldacchino fejn dan tal-ahhar, waqt is-seduta tal-4 ta' Dicembru, 2017 stqarr li *"l-post li jinsab indikat b'cirku fejn fih sehh l-incident dan sa fejn jirrizulta lili jaqa' kjarament fiz-zona li hija fil-kompetenza tal-Gvern Centrali*" (fol. 75 tal-process). Konsegwentement huwa car li l-Kunsill Lokali intimat ma jista' bl-ebda mod jigi ritenut responsabbli ghall-incident u kwindi, sakemm konformi mas-surreferit, l-eccezjonijiet imressqin mill-istess Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali H'Attard jimmeritaw li jigu akkolti.

D. Illi jifdal sabiex jigi determinat jekk tistax tigi akkollata xi responsabilita` lill-Awtorita` intimata. F'dan ir-rigward, kif diga` nghad, l-istess Awtorita` tikkontendi li, gjaladarba il-post fejn sehh l-incident ma jistax jigi kkunsidrat bhala parti minn triq arterjali jew distributorja, lanqas tista' l-Awtorita` intimata tigi ritenuta responsabbli ghall-manutenzjoni tal-istess parti ta' Triq il-Pitkali li fiha sehh l-incident. F'dan ir-rigward it-Tribunal, avut rigward ghal darb'ohra ghad-Dokument NB1 (fol. 53 tal-process), jasal biex jiddetermina li l-parti ta' Triq il-Pitkali li fiha sehh l-incident mertu tal-kawza odjerna m'hijiex triq arterjali jew distributorja ai fini u effetti tal-ligi. Madanakollu jehtieg li jigi determinat ukoll jekk effettivament ir-responsabilita` tal-Awtorita` intimata hijiex cirkoskritta, kif xehed Nicholas Baldacchino, **esklussivament** ghal tali toroq arterjali jew distributorji.

E. Illi f'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza estensiva ghal dak li gie deciz fl-10 ta' Gunju, 2016 mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Elizabeth Psaila et. v. Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** (Rik. Nru. 145/2014 – konfermata wkoll in ritrattazzjoni fl-20 ta' Jannar, 2017) u cioe`:

*Wara li l-qorti semghet it-trattazzjoni u rat l-atti, tosserva:*

1. *L-incident oggett tal-kawza sehh fi triq li m'hijiex arterja jew distributorja.*

2. *L-Artikolu 7 tal-Att dwar l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (Kap. 499) jipprovdi li l-Awtorita ghandha, fost'ohrajn, is-setgha:*

*"(b) li tokkupa, tippjana, tiddisinja, tibni, tibni mill-gdid, tamministra, taghmel manutenzjoni, issewwi u tirrestawra toroq u li tipprovdi jew tizgura jew tmexxi 'l quddiem provvediment ghal dan kollu u wkoll li tipprovdi jew tizgura provvediment ta' servizzi ghal dawk l-ghanijiet u timmanigga u tikkontrolla kull xoghol mehtieg, ……" Izda meta l-manutenzjoni ta' xi triq tkun taqa' taht ir-responsabbilta' ta' Kunsill Lokali skond l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-manutenzjoni ta' dik it-triq ma ghandhiex tkun, fil-qies ta' dik ir-responsabbilta, il-funzjoni tal-Awtorita' sakemm ma jkunx intlahaq ftehim dwar dak bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorita'."*

*(...)*

4. *Fil-fehma tal-qorti f'dan il-kaz m'huwiex rilevanti li ssir xi distinzjoni bejn triq arterja jew distributorja. Hemm qbil li f'dan il-kaz il-Kunsill Lokali ta' H'Attard hu eskluz mir-responsabbilta ghat-triq fejn sehh l-incident.* ***L-Artikolu 7 tal-Kap. 499 ma jillimitax ir-responsabbilta tal-konvenuta ghal manutenzjoni, ghal toroq arterji jew distributorji biss. Din hi l-ligi li tirregola lill-konvenuta. L-istess disposizzjoni taghmilha cara li r-responsabbilta tal-konvenuta hi eskluza fejn l-Att dwar il-Kunsill Lokali (Kap. 366) jipprovdi li r-responsabbilta` hi tal-Kunsill Lokali. Pero' fil-kaz***

***tal-lum il-konvenuta taccetta li l-Kunsill Lokali ta' H'Attard m'huwiex responsabbli ghat-triq fejn sehh l-incident. Ghaldqstant, jekk hemm responsabbilta`din hi tal-konvenuta u ghalhekk hi legittimu kontradittur. Ghalkemm il-konvenuta ssostni li r-responsabbilta hi tal-Gvern Centrali, il-qorti tosserva***:

***• L-Artikolu 7 tal-Kap. 499 ma jipprovdix li l-Awtorita' hi responsabbli biss ghal toroq arterji u distributorji.***

***• L-Awtorita hi entita` pubblika li twaqqfet mill-Gvern u fir-realta` hi tal-Gvern. Tant hu hekk li l-membri tal-Awtorita` jinhatru mill-Ministru responsabbli ghat-Trasport (Artikolu 5 tal-Kap. 499).***

***• Fil-Kap. 499 m'hemmx disposizzjoni li tipprovdi liema toroq huma responsabbilta` tal-konvenuta u dawk responsabbilta` tal-Gvern. Dan jaghmel sens gialadarba twaqqfet mill-Gvern, hi tal-Gvern u twaqqfet biex taqdi funzjoni pubblika.*** *(...)*" (enfazi mizjuda)

F. It-Tribunal jaghmel tieghu dawn l-istess kunsiderazzjonijiet a bazi tal-istess ligi li tirregola l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, senjatament il-**Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta**. Huwa car li l-obbligi tal-Awtorita` ghall-manutenzjoni tat-toroq, kif hawn fuq deciz, ma jistghux jigu b'xi mod cirkoskritti jew limitati esklussivament ghal toroq li jigu kkunsidrati arterjali u distributorji. Min-naha l-ohra huwa daqstant iehor car li r-responsabilita` mqieghda fuq l-Awtorita` intimata bis-sahha tal-art.7 tal-istess **Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta** hija eskluza biss "*fejn il-manutenzjoni ta' xi triq tkun taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Kunsill Lokali skont l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-manutenzjoni ta' dik it-triq ma għandhiex tkun, fil-qies ta' dik ir-responsabbiltà, il-funzjoni tal-Awtorità sakemm ma jkunx intlaħaq ftehim dwar dak bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorità*". Issa fil-kaz in ezami, daqskemm fil-kaz hawn fuq citat, irrizulta ampjament car u fil-fatt huwa inkontestat anke mir-rapprezentant tal-Awtorita` intimata Nicholas Baldacchino, li

l-punt ta' Triq il-Pitkali fejn sehh l-incident ma jaqax fil-konfini tal-Kunsill Lokali ta' H'Attard.

G. Aktar minn hekk u ghal kull buon fini jinghad li fl-ebda stadju f'dawn il-proceduri ma tressqet xi prova, wisq anqas xi prova konklussiva, li Triq il-Pitkali (jew xi parti minnha) giet trasferita` mill-Kummissarju tal-Artijiet lil xi entita` partikolari.

Kwindi t-Tribunal ma jistax ma jikkunsidrax li l-incident mertu tal-kawza odjerna sehh proprju f'dik il-parti ta' Triq il-Pitkali li l-manutenzjoni taghha huwa kompitu tal-Awtorita` intimata.

Illi fir-rigward tal-ammont mitlub, it-Tribunal jaghmel referenza ghax-xhieda ta' Malcolm Aquilina u kif ukoll ghad-dokumentazzjoni ezebita minnu flimkien mal-istess affidavit tieghu (fol. 20 et. seq. tal-process) u jikkunsidra li l-ammont ta' danni soffert mill-atturi jammonta, skont l-istess xhud Aquilina ghas-somma globali ta' €884.69 rapprezentanti €850.41 (tiswija u parts skont Dok. MA5 a fol. 36 tal-process), €6.99 (ammont imhallas ghar-rapport tal-Pulizija skont ricevuta Dok. MA7 a fol. 46 tal-process) u €27.29 (rapprezentanti survey fee), dana oltra l-ispejjez tal-proceduri ulterjuri inkluz dawk koncernanti l-ittra ufficjali datata 29 ta' Frar, 2016 (fol. 38 tal-process).

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet imressqin mis-Sindku u S-Segretarju Ezekuttiv ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali H'Attard sakemm kompatibbli mas-surreferit u jichadhom ghall-bqija, jichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet imressqin mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u jilqa' *in parte* t-tielet eccezzjoni imressqa mill-istess Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u konsegwentement jilqa' t-talbiet tal-atturi limitatament fis-somma ta' €884.69 u jikkundanna lill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta sabiex thallas l-istess somma ta' €884.69 bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 29 ta' Frar, 2016 u bl-

imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali tad-29 ta' Frar, 2016, kontra l-istess Awtorita` intimata.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**